

#25 sena fostna

### L-Arċipriet Balzani fil-Furjana

# Dun Andrea Dingli

**Anton Camilleri**

Għalkemm fi tmiem is-seklu dsatax, Ħal Balzan kien raħal żgħir, fih nibtu numru ta' vokazzjonijiet li matul is-snin għenu u mexxew lill-poplu Nisrani ta' din il-parroċċa. Xi wħud minn fost dawn, ġew magħżula biex imexxu parroċċi oħra. Fost dawn insibu lil Dun Ġwann Ebejer, bħala kappillan ta' Ħ'Attard, bejn l-1869 u l-1876, Dun Anton Psaila, kappillan u l-ewwel Arċipriet taż-Żejtun bejn l-1880 u l-1897, u Dun Andrea Dingli, li mexxa l-parroċċa tal-Furjana bejn l-1887 u l-1896.[1] Wara li fl-imgħoddi ktibt fuq l-ewwel tnejn, illum imissni nikteb fuq l-aħħar wieħed Dun Andrea Dingli.[2]



*Il-Knisja Arċipretali tal-Furjana*

Dun Indri, kif kien magħruf, twieled f'Ħal Balzan fit-30 ta' Marzu 1841, minn Tumas Dingli u Maria née Axisa.[3] Wara l-istudji tiegħu ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru, 1863 fil-Konkatidral ta' San Ġwann, mill-Isqof Gaetano Pace Forno. Kompla bl-istudju tat-teoloġija fl-Università ta' Malta, minn fejn kiseb dottorat, f'ċerimonja li saret fil-knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta, is-Sibt 5 ta' Awwissu, 1865.[4] Barra x-xogħol fil-parroċċa ta' Ħal Balzan, għal sentejn għallem fi skola fil-Belt Valleta, u wara ntefa' għall-predikazzjoni, fejn ippriedka f'numru ta' parroċċi, speċjalment fi żmien ir-Randan, fejn kien imfittex għall-korsijiet ta' eżerċizzi. Ma' dan, l-Isqof Geatano Pace Forno kien fdalu f'idejh id-direzzjoni spiritwali tal-Istitut tal-Bon Pastur f'raħal twelidu, fejn dam sitt snin. Fl-1875 il-Gvernatur Sir Charles van Straubenzee innominah bħala kappillan tal-Isptar Ċentrali, minflok Dun Giovanni Bonnici.[5] Dun Indri spiċċa mill-kariga f'Marzu 1887, meta laħaq Arċipriet tal-Furjana.[6]

Meta Dun Indri kien għadu kappillan tal-Isptar, kien ippubblika ktieb dwar il-ħajja tal-Beatu Giuseppe Maria Tomasi-Caro, bl-isem ta' *Vita del Beato Giuseppe Maria Tommasi Caro*, fl-1883.[7]

Bħala persuna Dun Indri kien popolari u maħbub minn kulħadd, għall-mod ġeneruż u ġentili tiegħu. Dan barra l-fatt li kien jaf sew bl-Ingliż, fatt li għenu ħafna f'xogħlu, u b'hekk sar midħla ta' għadd kbir ta' Ingliżi, sew Insara kif ukoll Protestanti. Dan għenu ħafna fil-konverżjoni ta' dawn tal-aħħar għar-reliġjon Kattolika, tant li kkonverta u għammed numru ta' protestanti, l-istess kif kien jagħmel il-Beatu Nazju Falzon ftit snin qabel. Din il-missjoni seta' jwettaqha ferm iżjed meta laħaq Arċipriet tal-Furjana, minħabba n-numru ta' suldati li kien hemm stazzjonati fil-barrakki, fil-parti li sa ftit snin ilu kienet magħrufa bħala Beltissebħ. Hu kien imfittex ukoll għall-qrar, minn ħafna Kattoliċi Ingliżi, nisa u rġiel li kienu jgħixu f'Malta.[8] Il-ħbiberija tiegħu mal-Ingliżi wasslet biex ikun ħabib tal-Gvernatur John Lintorn Arabin Simmons, ta' Sir Walter Hely-Hutchinson Logutenent Gvernatur, u tal-Kardinal Michael Logue, Primat tal-Irlanda, li kellu stima kbira lejn Dingli.

Meta l-Arċipriet tal-Furjana Dun Pawl Lauron, li mexxa l-parroċċa bejn l-1876 u l-1887, ħalla għax kien promoss għal Arċidjaknu tal-katidral, l-Amministratur Appostoliku Mons. Anton M. Buhagiar ħareġ l-editt għall-konkors biex jiġi magħżul Arċipriet ġdid. L-eżami sar fit-18 ta' Jannar 1887, u għalih applikaw erba' saċerdoti, li minnhom ġie magħżul Dingli.[9] B'hekk minn nru. 10 Strada Providenza f'Ħal Balzan, Dun Indri ġarr u mar joqgħod il-Furjana f'Marzu 1887.[10] Il-pussess tal-parroċċa ħadu fl-2 ta' April 1887, minn idejn Mons. Salvatore Gaffiero, Vigarju Ġenerali. Għal din l-okkażjoni fil-knisja tal-Furjana kienu preżenti fost l-oħrajn l-Uffiċjal Amministrattiv il-Ġeneral Davis, il-Logutenet Gvernatur Hely-Hutchinson, u l-Prim Imħallef Sir Adrian Dingli.[11]

Barra x-xogħol pastorali, Dun Indri kompla bix-xogħlijiet tat-tkomplija tal-faċċata tal-knisja, mibdija mill-kappillan ta' qablu Dun Pawl Lauron. Il-faċċata kienet saret fuq pjanta ta' Prof Nicola Zammit, bl-ewwel ġebla tagħha tpoġġiet fil-5 ta' Frar 1885. B'dan ix-xogħol tkabbret ukoll il-knisja b'żewġ kappelli, waħda fuq kull naħa tagħha. Dun Pawl kien lesta l-faċċata saċ-ċinta, u Dingli ħaseb

biex ikompli l-frontispizju u l-kampnari. Wieħed minnhom, dak li jħares lejn il-port, tlesta f'Ġunju 1889, bil-qniepen jittellgħu fis-7 ta' Lulju. Aktar tard f'Settembru 1895, tpoġġa l-arloġġ. Dan kien sewwa £62, li £50 minnhom kien ħallashom il-gvern. Il-kampnar li jħares lejn il-Mall tlesta f'Jannar 1892. Tliet snin wara fit-18 ta' Novembru, 1894 tpoġġiet l-istatwa li tirrappreżenta l-fidi. Din, flimkien ma' parti mill-faċċata u l-knisja, kienu nqerdu fil-ħbit mill-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija, fit-28 ta' April 1942. Biss il-kampnari li nbnew fi żmien Dingli baqgħu sħaħ. Dakinhar ukoll kienu nqerdu l-istatwi tal-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa. Iżjed tard meta l-ħsara ssewwiet, minflok l-istatwa tal-fidi tpoġġiet l-istatwa ta' Kristu Re, dik li għadna naraw illum. Meta l-bini kien lest beda l-invjar tal-knisja, u t-taħkil. Iżda dan kien spiċċa f'Settembru 1898, meta Dun Indri kien diġà mejjet.[12]

Fi żmien meta Dingli kien qed imexxi l-parroċċa tal-Furjana, qamet il-kwistjoni bejn it-tmexxija Ingliża u l-knisja, dwar iż-żwiġijiet imħallta. Dawn kienu żwiġijiet bejn kattoliċi u Protestanti jew Anglikani, li l-knisja fil-gżejjer Maltin qatt ma nkoraġġiethom, tant li meta kienu jsiru, kienu jsiru f'xi kappella jew oratorju.[13] Bħalma kien mistenni l-poplu żamm mal-Isqfijiet u l-kleru, u bħalma kien jiġri fi kriżi nazzjonali, din id-darba wkoll kienet intalbet l-interċesjoni ta' San Publiju, tant li kien sar pellegrinaġġ bl-istatwa tiegħu. Dan sar fit-12 ta' Marzu 1896, bis-sehem tal-poplu, fejn l-istatwa kienet ittieħdet fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.[14]

Avveniment ieħor ta' importanza nazzjonali, kif ukoll għall-parroċċa tal-Furjana, u li ġara fi żmien li Dingli kien Arċipriet, hu dak ta' meta l-festa ta' San Publiju bdiet issir bir-rit doppju ta' prima klassi għad-djoċesi kollha ta' Malta. Dan wara li l-kardinal Michael Logue, Arċisqof ta' Armagh u Primat tal-Irlanda kien irrakkomanda t-talba li kien għamel l-Isqof ta' Malta Pietru Pace lill-Papa. It-talba ntlaqgħat mill-Papa Ljun XIII, b'digriet tat-13 ta' Jannar 1896. Fis-sagristija tal-parroċċa tal-Furjana hemm pittura tal-Isqof Pace u d-digriet.[15] Qabel mal-Kardinal Logue mar Ruma hu kien għadu kif għamel żjara f'Malta, akkumpanjat mis-segretarju tiegħu, u fejn kien ingħata merħba sabiħa. Huma waslu Malta fit-13 ta' Diċembru 1895, u ġew milqugħa mill-Isqof, l-Arċipriet tal-Furjana u minn Mr Dowdall, Irlandiż li kien joqgħod il-Furjana.[16] Il-Ħadd 16 ta' Diċembru l-Kardinal qaddes fil-knisja ta' San Publiju, flimkien mal-Arċipriet Dingli.[17]

B'tifkira taż-żjara tal-Kardinal Logue, u l-ħidma tiegħu biex il-festa titla' għall-grad ta' prima klassi, il-pittur Giuseppe Calì pitter xbieha tiegħu. Din tpoġġiet fis-sagristija, flimkien ma' skrizzjoni bil-Latin magħmula minn Dun F. Sceberras miż-Żejtun.[18]

Dun Indri Dingli miet ta' malajr il-Ħamis 17 ta' Diċembru 1896, fil-5.00 p.m. fil-għomor ta' 55 sena.[19] Il-funeral sar l-għada fil-knisja tal-Furjana, bid-difna ssir wara fil-knisja ta' Ħal Balzan. Fost il-kuruni tal-fjuri li kien hemm, kien hemm waħda mpoġġija mis-Sur J.J. Dowdall, f'isem il-Kardinal Logue.[20] L-imħabba li l-Furjaniżi kellhom lejh dehret meta l-istess Furjaniżi għamlu ritratt b'tifkira tiegħu, li tpoġġa ma' ta' kappillani u arċipreti oħrajn, fis-sagristija tal-knisja tal-Furjana.[21]

Xahar wara mewtu fit-Tlieta 19 ta' Jannar 1897, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, saret quddiesa funebri fil-knisja ta' Ħal Balzan għal ruħu. Il-mużika tmexxiet minn Mro Antonio Nani[22]. L-istess ġara fil-parroċċa tal-Furjana, fejn l-organizzazzjoni funebri saret minn Dun Anton Vella, bil-mużika tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Bugeja[23]

## Noti u Riferenzi:


1. G. Dimech, *Ħal Balzan, ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, 2004, p. xxv
2. Fuq Mons. Ġwann Ebejer ara l-Programm tal-festa Marija Annunzjata 2006 maħruġ mill-Każin tal-Banda San Gabriel Ħal Balzan, p. 91-92, u fuq Mons. Anton Psaila ara l-Programm tal-festa Marija Annunzjata 2003 maħrug mill-istess każin, p. 36-37
3. A. Bonnici, *Il-Floriana : fil-mixja nisranija tagħha*, Furjana, Parroċċa San Publiju, 2014 p. 103
4. *L'Ordine*, 11.08.1865 p. 3
5. *L'Ordine*, 14.10.1875 p. 3; *Malta Blue Book for the year 1875*, Valletta, Government Printing Press, 1876 p. M 113 ; L-isptar ċentrali kien fejn illum hemm id-Depot tal-Pulizija.
6. Malta Blue Book for the year 1887, Valletta, Government Printing Press, 1888, p. H 60
7. San Giuseppe Maria Tomasi-Caro, li għex bejn l-1649 u l-1713, kien ikkanonizzat fl-1986 mill-Papa San Ġwanni Pawlu II.
8. *Daily Malta Chronicle* (D.M.C.) 18.12.1896 p. 2
9. *Portafoglio Maltese*, 24.01.1887 p. 3
10. *Malta Government Gazzette*, 1885 p. 319
11. *Portafoglio Maltese*, 07.04.1887 p. 2
12. E.S. Tonna, *Final focus on Floriana, a collection of essays*, Malta 1979 p. 35-39
13. H. Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, Vol. I, Malta 1974 p. 330
14. Ktieb li kien ħareġ fl-okkażjoni tar-restawr tal-istatwa ta' San Publiju.
15. Programm Festa San Publiju Furjana 2011 p. 73-74
16. D.M.C., 16.12.1895 p. 2
17. E.S. Tonna, *Final focus on Floriana, a collection of essays*, Malta 1979 p. 35-39
18. *The Malta Standard* 20.11.1896, kif dehret fil-Programm Banda Vilhena Festa San Publiju 1997 p. 40. Il-kardinal Michael Logue twieled fl-Irlanda fl-1840, fejn serva ta' Arċisqof ta' Armagh u Primat tal-Irlanda sa mill-1887. Kien ordnat saċerdot fl-1866, sar Isqof fl-1879, u kardinal fil-konċestorju li sar f'Jannar 1893, mill-Papa Ljun XIII. Il-kardinal Logue miet fid-19 ta' Novembru 1924.
19. D.M.C., 18.12.1896 p. 2
20. The Malta Standard 18.12.1896 p. 3
21. A. Bonnici, *Il-Floriana: fil-mixja nisranija tagħha*, Furjana, Parroċċa San Publiju, 2014 p. 106
22. *Il-Gazzetta tal-Poplu*, 16.01.1897 p. 3
23. D.M.C., 16.01.1897 p. 2